IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

*Jannar - Frar 1984* *Nru. 16*



*Wara l-laqgħa storika bejn il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II u l-'killer' Ali Agca.*

# *Ħsebijiet u Tifkiriet*

## *"Rajt tnejn jitkellmu f'ċella . . ."*

It-Tlieta: 27 ta' Diċembru 1983

Il-Ħin: l.arloġġ ellettroniku kien qed jimmarka t-tmienja ta' filgħaxija. Bdew l-Aħbarijiet . . .

L-ewwel, il-punti ewlenin: Tifrik u tkissir ġo Beirut . . . splużżjoni f'Pariġi . . . numru ta' nies mixlija fuq serq ta' persuni . . . Kont għoddni qomt minn posti biex nitfi t-T.V. Kont xbajt sal-ponta ta' mnieħri b'dal-gwaj kollu li qed jifni lid-dinja. Iżda, waqaft . . . quddiemi, deher dieħel ġo ċella l-Papa Karol Wojtyla, b'idejh kemm kemm miftuħa, qisu jrid jilqa' fi ħdanu lil xi ħadd.

Wieqaf, b'idejh mitluqa, iżda b'għajnejn jibbru, deher Mehmet Ali Agca, it-Tork li fit-13 ta' Mejju 1981, kien immira u spara fuq il-Papa ġo Pjazza San Pietru.

Poġġew bil-qegħda, u ħarsu f'għajnejn xulxin. Bla kliem . . . biżżejjed ħarsa biex wieħed jesprimi dak li jkun qed iħoss fil-fond ta' qalbu.

L-għassiesa twarrbu, u dawk li akkumpanjaw lill-Papa stennew 'il-barra miċ-ċella. U hemm bil-bieb miftuħ, b'għassiesa lesti għal kulma jista' jinqala', beda għaddej id-djalogu bejn tnejn, minn taħt l-ilsien . . .

Il-Papa Missier ibaxxi rasu u jiftaħ widnejh għal dak li ried igħidlu Ali Agca. Idejh marbuta, b'għajnejh kemm kemm mhux igħumu fid-dmugħ, beda jħarrek bil-mod rasu, biex juri li kien qed jifhem kollox. Id il-leminija, telgħet imbagħad bil-mod il-mod, sakemm rasu niżlet tistrieħ fuqha, u f'dik il-qagħda, tixbah ferm il-qagħda ta' saċerdot attent jisma' d-dnubiet tal-bnedmin, il-Papa dam għal tul ta' ħin.

X'qalu? Ma nafx. U forsi ftit li xejn jimpurtani.

Li jimpurtani hu dak li ma qalux . . .

Ma tgħajrux . . . ma heddewx lil xulxin . . . ma żammewx f'qalbhom. Il-Papa, li tliet ijiem wara l-attentat kien diġa stqarr li ħafer lil dak li pprova joqtlu, illum kien qiegħed jitkellem miegħu ras imb'ras . . . Ali Agca, il-bniedem li kien ħalef li joqtol il-Papa u ma rnexxilux, issa kien hemm ipespes f'widnejh . . . X'kien ġara?

**Kienet rebħet l-imħabba . . . L-imħabba ta' missier li fil-persuna ta' dak li ried joqtlu ra wieħed mill-merħla li kien hemm bżonn jidħol mill-ġdid fil-maqjel. L-imħabba ta' bniedem qattiel, li wara li ntebaħ bil-ġest infami li kien wettaq daħlet tieħu pussess ta' qalb li qabel kienet mgħarqa bil-mibgħeda . . .**

U ma setgħax ikun mod ieħor . . . propju f'din is-sena Mqaddsa tar-Redenzjoni . . . ftit jiem biss wara li ntemm is-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar ir-Rikonċiljazzjoni . . . u Ġwanni Pawlu II, il-Papa li ta lid-dinja l-Enċiklika "Għani fil-Ħniena".

U stħajjiltni qiegħed nara film qawwi ta' Zanussi jew Bergman . . . Iżda le . . . Il-ġrajja kienet vera.

Ta' l-inqas, għal darba it-TV wasslilna messaġġ ta' imħabba. Dawk it-tnejn minn nies jitkellmu ġo ċella fis-skiet, ras imb'ras kellmu lil miljuni ta' nies bis-silenzju tagħhom. L-għafsa ta' idejjhom flimkien tenniet ix-xewqa ta' dawn in-nies ta' rieda tajba, li l-bnedmin kollha tad-dinja jagħmlu l-istess, biex terġa' issaltan l-imħabba u s-sliem.

U l-aħħar tgħannieqa li taw lil xulxin xegħlet tama fil-qalb ta' kull midneb, għax fakkret li hekk jagħmel Alla mal-midneb li jisgħobih mid-dnub li jkun wettaq.

**Il-baħar immens ta' l-imħabba ta' Alla jibla' ġo fih il-baħar tad-djufija u tad-dnub.**

*Kan. Dun Salv Borg*

## ** NIXTIEQU S-SENA T-TAJBA LIL KULĦADD **

# DĦALNA F'SENA OĦRA - 1984

## Kemm Jien Matur?

Iż-żmien għaddej qisu ħolma. Bil-kemm inkunu għadna bdejna sena ġdida li din ma titgerbibx u ttir mar-riħ. Mat-tgerbib tas-sena il-bniedem jikber fl-età u fil-maturità. Fuq il-kobor fl-età, din issir bilfors u kulħadd l-istess. Fuq il-maturità, din tikber skond kemm il-bniedem jakkwista esperjenza u kemm fi ħsiebu, kliemu, kif ukoll għemilu ma jibqax bħat-tfal, iżda jsir adult u jintegra ruħu sewwa fis-soċjetà.

Forsi bħalissa qed tistaqsu lilkom infuskom: "Jien, kemm jien matur? Hawnhekk naħseb li l-aħjar li nagħmlu hu li nieqfu ftit biex naħsbu fuq xi punti ewlenin li permezz tagħhom naraw ftit aħniex maturi, u kif nakkwistaw din il-maturità:

1. Ipprova ara li l-persuna li trid tgħix magħha tagħmilha li tħossha ruħha importanti.
2. Irrispetta l-opinjoni ta' ħaddieħor u ġiegħlu jħoss li l-idea kienet u għadha tiegħu.
3. Fittex li tapprova u tapprezza sinċerament dak li l-oħrajn jagħmlu.
4. Aħjar tagħmel mistoqsijiet milli tagħti ordnijiet.
5. Meta teżamina biċċa xogħol, fittex aktar dak li jistħoqqlu tifħir milli dak li jistħoqqlu ċanfir.
6. L-aqwa meżż biex tirbaħ argument hu li tiskartah.
7. Uri l-gratitudni tiegħek lejn min jagħmillek xi pjaċir.
8. Tbissem, ifraħ, u għix kuntent ma' Alla u ma' ħutek il-bnedmin.

## Għamilt Riżoluzzjoni Ħabib?

Mal-bidu ta' Jannar hi drawwa ta' ħafna li jagħmlu xi riżoluzzjoni fejn iwiegħdu li jagħmlu ħilithom biex ir-rigal ta' Sena Ġdida jippruvaw jużawh mill-aħjar li jistgħu. Xi wħud igħidulek x'jiswew dawn ir-riżoluzzjonijiet li bil-kemm tilħaq tgħaddi ġimgħa li ma jtirux mar-rih? Veru li ninsew, imma dan ma jfissirx li m'għandniex nagħtu kelma ta' rġiel biex nirranġaw ħajjitna.

U biex dan jirnexxi, hemm bżonn li nagħmlu bħal dak ir-raġel li jkun se jibda vjaġġ. Dan ma jkunx kuntent biss li jaf li sejjer bl-ajruplan, imma jistaqsi fuq il-ġurnata u l-ħin preċiż tat-tluq. Aħna wkoll qegħdin fuq vjaġġ li biex insegwuh irridu nkunu lesti nobdu direttivi li huma: "Ħajja tajba - bogħod mid-dnub". Li hemm bżonn minna hu li nkunu ċari magħna nfusna rigward xi rridu nirranġaw u diċiżi li nistgħu nirrangaw.

Mela kif għadna bil-bidu tas-sena, għax ma nistaqsux bis-sinċerità kollha f'hiex aħna lejn "l-art imwiegħda"? Neżaminaw f'hiex aħna fit-toleranza, fil-kliem fuq il-proxxmu, fil-ġenerosità, fl-imħabba. U nitolbu lil Ġesù jgħina fir-riżoluzzjonijiet tagħna li nneħħu d-difetti u noħolqu ambjent aħjar kull fejn ngħixu.

"Jekk f'sena neqirdu difett wieħed, fi ftit snin insiru qaddisin" San Filippu Neri.

## Ix-Xitwa Magħna.

Mal-bidu tas-sena ġdida jitfaċċa fuqna wkoll l-istaġun tax-xitwa. Mal-kliem xitwa aħna nassoċjaw xita, riħ, ksieħ, maltemp, influwenza u dawk il-ħwejjeġ l-oħra li jġib miegħu dan l-istaġun. Mhux ta' b'xejn li ħafna nies ma jieħdux pjaċir bix-xitwa. Mhux l-ewwel darba li tinqabad f'xi xita qawwija u ma tkunx armat tajjeb. Jew kemm-il darba jkollok seba mitt sena biex tmur xi okkażjoni u ssib li tkun tħassret minħabba l-maltemp. U biex ma nsemmux dawk li l-maltempati tal-biża' li xi drabi jaħkmu fuq il-gżejjer tagħna.

Imma wara din it-tbatija, il-maltemp, tiġi t-tgawdija, il-bnazzi. Hemm bżonn li jkollna x-xitwa biex wara jkollna r-rebbiegħa - iż-żmien sabiħ meta kollox jieħu l-ħajja u ninsew it-tbatijiet li nkunu għaddejna minnhom. Il-ħajja tagħna ta' kuljum hi bħax-xitwa. Aħna wkoll ikollna l-maltempati fil-ġlieda tagħna biex ngħixu tajjeb. Il-qtiegħ il-qalb li jiġi fuqna ikun qisu dak l-isħab iswed tal-maltemp. Imma wara li jgħaddu l-burraxki t-twemmin tagħna jerġa' jissoda u tfeġġ fuqna r-rebbiegħa dejjiema li sseħħ fil-għaqda tagħna ma' Kristu fil-ġenna, fejn xejn u ħadd ma jkun jista' jifridna minnu.

## NILTAQGĦU NHAR . . .



| | |
|---|---|
| **JANNAR 1984** | |
| Il-Ħadd 1. | Sollennità ta' l-Imqaddsa Marija Omm Alla. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni. |
| L-Erbgħa 4. | Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m. |
| Il-Ġimgħa 6. | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ġurnata Espożizzjoni Solenni. Fis-7.00 p.m. Quddiesa għall-irġiel u ġuvintur. |
| Is-Sibt 7. | L-Ewwel Sibt tax-xahar. Ġurnata Espożizzjoni Solenni. |
| Il-Ħadd 8. | Solennità ta' l-Epifanija. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni. |
| **FRAR 1984** | |
| L-Erbgħa 1. | Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m. |
| Il-Ħamis 2. | Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej (Il-Gandlora) Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni. |
| Il-Ġimgħa 3. | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Ġurnata Espożizzjoni Solenni. fis-7.00 p.m. quddiesa għall-irġiel u ġuvintur. |
| Is-Sibt 4. | L-Ewwel Sibt tax-Xahar. Ġurnata Espożizzjoni Solenni. |
| Il-Ġimgħa 10. | Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Obbligu tal-quddies. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni. |
| Il-Ħadd 12. | Festa tal-Madonna ta' Lourdes. Fl-4.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni. |
| L-Erbgħa 22. | Festa tal-Katedra ta' San Pietru. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni. |

# MADWAR ELF U SEBA MITT SENA ILU . . .

*. . . f'xi nħawi ta' l-Asja Minuri, seħħet ġrajja ftit jew wisq moħbija propju għax ugwali għal tant oħrajn bħalha li seħħew fl-istess żmien u fl-istess inħawi. Fi ħdan ta' familja dehret tarbija ġdida - iben li l-ġenituri tiegħu tawħ l-isem ta' ĠORĠ. Ġrajja fiha nfisha komuni. Ġrajja li kienet ilha tirrepetiruħha fi ħdan familji oħrajn sa mill-ħolqien tal-bnedmin u li għalhekk ma ħallietx mall-ewwel marka li tidher fl-istorja mitkellma jew miktuba tal-bnedmin. U l-memorja nisranija ma kinitx ser titkellem dwar din il-ġrajja propju fiż-żmien tagħna li ma kienx għall-fatt illi t-tarbija li twieldet 17 il-seklu ilu u li għaliha qed nirreferu saret il-qaddis martri aktarx l-iżjed magħruf u meqjum fl-istorja tad-dinja nisranija.*[1]

**Bi tħejjija għal ċelebrazzjoni dejjem aktar awtentika tal-Festi Ċentinarji ta' San Ġorġ, qed nippublikaw l-ewwel fost sensiela qasira ta' riflessjonijiet dwar dan il-qaddis martri li b'mod ta' l-għaġeb ġibed lejh l-ammirazzjoni u l-qima ta' kotra bla għadd ta' nsara tul dawn l-aħħar elf u seba' mitt sena. Kitba ta' Fr. Joseph Farrugia.**



*SAN ĠORĠ TAL-ETJOPJA*
*Goggian Amhara*

## Possibilità ta' tagħrif

Jekk min-naħa l-waħda nistgħu ngħidu illi għandna tagħrif bis-sħiħ dwar il-kult ta' San Ġorġ u l-popolarità tiegħu fid-dinja kollha, min-naħa l-oħra jkollna ngħidu li bl-ebda mod m'għandna l-istess kotra ta' tagħrif dwar il-ħajja ta' dan il-qaddis mit-twelid sal-mewt tiegħu f'idejn il-persekuturi tal-Knisja ta' Kristu. Infatti dan in-nuqqas ta' tagħrif profond dwar it-twelid u, imbagħad, is-sensiela ta' ġrajjiet li dammew il-ħajja terrena ta' San Ġorġ ma nsibuhx biss fil-kas ta' dan il-qaddis tagħna imma hu komuni għall-kotra l-kbira tal-qaddisin martri ta' l-ewwel żmenijiet tal-Knisja kemm jekk wieħed jibda mill-istess dixxipli ewlenin ta' Kristu u mbagħad jissokta fl-għadd kbir ta' nsara li sfaw vittmi tar-ripressjoni Rumana u temmew ħajjithom fis-satra tal-kotra anonima.

Inkunu mingħajr għaqal jekk mill-**istorja profana,** speċjalment dik miktuba minn awturi pagani, nistennew tagħrif dettaljat dwar San Ġorġ jew xi nsara oħra martri. Infatti mhux biss dawn id-dettalji minn fonti pagani jonqsuna! Jonqosna saħansitra ħafna tagħrif ġenerali li neħtieġu dwar ir-ripressjonijiet li l-awtoritajiet Rumani wettqu kontra l-insara: ir-raġunijiet tagħhom u l-iżvolġiment u l-kobor tagħhom f'għajnejn il-pagani. Il-parti l-kbira tat-tagħrif li għandna dwar il-presekuzzjonijiet kontra l-Knisja infatti ġejja min-naħa nisranija[2]. Għalhekk wieħed malajr jifhem u ma jistagħġibx bl-assenza ta' tagħrif dwar San Ġorġ fil-kotba ta' l-istorja profana. Għall-istorja profana dan iż-żagħżugħ nisrani kien wieħed fost il-ħafna oħrajn, mistura għal għajnejha, li mietu fl-istess ċirkostanzi tiegħu: la kienet taf bih u wisq inqas kienet ser taħseb fil-ġrajja tat-twelid tiegħu!

Inkunu wkoll bla għaqal jekk nippretendu li nsibu fl-**istorja ekkleżjastika** t-tagħrif storiku li nixtieqnu f'idejna dwar it-twelid ta' San Ġorġ. Ir-raġuni hi sempliċi. L-interess ta' l-istorja ekkleżjastika fl-insara martri għandu dejjem il-bidu tiegħu fil-mument tal-passjoni tagħhom u dan għal raġuni profondament teoloġika.

L-istorja ekkleżjastika ma tagħtix importanza lill-jum tat-twelid storiku ta' dawn il-martri 'l għaliex għal għajnejha l-veru twelid ta' dawn il-qaddisin seħħ mhux meta twieldu mid-demm u l-laħam imma fid-data tal-mewt tagħhom minħabba l-isem ta' Kristu. Kienet il-mewt għal Kristu li rebbħitilhom il-kuruna tal-glorja u tagħtthom bidu għall-**ħajja tas-sema** li għaliha l-ħajja fuq din l-art kienet biss tħejjija! Kienet ix-xhieda mdemma tagħhom li tat bidu għall-**'memoria' tagħhom fost l-insara** li kienu għadhom pellegrini f'dan il-wied ta' dmugħ. Kienet l-għaqda tagħhom mall-passjoni salvifika ta' Kristu li tat bidu għas-**setgħa interċedetriċi** tagħhom f'sehem ma' Kristu rebbieħ quddiem it-tron ta' Alla l-Missier. Għalhekk fl-għajnejn ta' l-istorja ekkleżjastika id-"dies natalis" - il-jum tat-twelid - ta' San Ġorġ mhux il-jum li fih hu twieled għal din l-art imma dak li fih twieled għas-sema.

## It-Tagħrif li Għandna

Allura xi jfisser dan kollu? Ifisser illi dwar it-twelid ta' San Ġorġ ma nafu xejn? Tweġiba fl-affermattiv għal din il-mistoqsija tkun tweġiba irresponsabbli. Għaliex daqskemm hu veru l-fatt illi dwar il-ħajja terrena ta' San Ġorġ it-tagħrif li għandna hu ftit, daqstant ieħor hu veru li l-ftit tagħrif li għandna dwaru hu biżżejjed biex jindikalna d-data probabli tat-twelid tiegħu.

Infatti kemm it-tradizzjoni ħajja fi ħdan il-komunitajiet qodma ta' l-insara kif ukoll l-eżerċizzju tax-xjenza moderna donnhom jaqbdu id f'id biex flimkien juruna ż-żmien li fih iż-żagħżugħ martri Ġorġ fetaħ għajnejh għad-dawl tad-dinja. Jekk min-naħa l-waħda għandna fost l-aġjografi l-qbil fil-fehma li San Ġorġ bata l-martirju fis-sena 303 W.K. meta kellu madwar l-20 sena,[3] min-naħa l-oħra għandna l-konferma sħiħa ta' din il-fehma fl-eżamijiet xjentifiċi bil-metodu komparattiv magħmula dan l-aħħar mill-'Istituto di Antropologia' ta' l-università ta' Bologna fuq il-fdalijiet ta' l-għadam ta' San Ġorġ meqjum f'Ruma, Verona, Ferrara u Como.[4] Ix-xjenza moderna offriet konferma għat-tradizzjoni antika li San Ġorġ miet meta kellu madwar l-għoxrin sena u għalhekk **it-tradizzjoni u x-xjenza jaqblu li l-jum tat-twelid**

*jissokta f'paġna 4*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

EDITORJAL

# IS-SENA T-TAJBA

***Is-Sena t-Tajba!***

*Awgurju li żgur tennejna mijiet ta' drabi f'dawn l-aħħar jiem. B'żewġ kelmiet sellimna lil xulxin, u xtaqna sena tajba lil kull min iltqajna miegħu.*

*Qatt waqaft taħseb, x'hemm mistur wara dawn iż-żewġ kelmiet?*

*Qatt ġibt quddiem għajnejk x'tifsira għandhom?*

*X'aktarx li le; jew inkella ngħidu sempliċement li bihom nixtiequ sena tajba u daqshekk. U hawn qiegħed l-iżball li ħafna qegħdin naqgħu fih sena wara l-oħra. Noffru ħaġa lil ħaddieħor, bla ma nkunu nafu eżatt x'qed nagħtuh.*

*L-Awgurju ta' sena tajba jiġbor fih programm ta' ħajja. Nixtiequ sena tajba jfisser:* **"rridu il-ġid lil xulxin matul is-sena li tkun qed tibda".**

*X'jiġifieri:* **"irridu l-ġid"?**

*IRRIDU L-ĠID ifisser li aħna lesti li nagħmlu ħilitna kollha biex ngħinu lill-oħrajn jgħixu tajjeb matul is-sena li għadha kif bdiet. Ifisser ukoll li nkunu kontinwament b'seba' għajnejn biex ma nkunux aħna li ntellfu dak il-***"ġid"** *li xtaqna lill-ħaddieħor; u dan kollu jista' jsir, jekk aħna lkoll inwettqu sewwa d-dmirijiet tagħna, napprezzaw lil dawk kollha li jinsabu madwarna,unkunu dejjem lesti li ngħinu lil kulħadd, f'kull ħin, u f'kull ċirkustanza.*

*Jekk nagħmlu hekk inkunu qegħdin nagħtu tifsira lill-awgurju tagħna.*

*Jekk nagħmu hekk, l-awgurju tagħna ta' "IS-SENA T-TAJBA" jkun impenn min - naħa tagħna biex nagħmlu mis-sena l-ġdida sena verament tajba għalina u għall-oħrajn.*

**DONAZZJONIJIET**

Kan. Onor. C. Grima (Gibilta'); G. Mercieca;
F. Galea; A. Pace (Malta) — **Lm1**
S. Galea - **20c.** F. Vassallo - **25c**
G. Casuti (Canada) - **$10;** T. Zammit (Aust.) - **$5;**
C. Farrugia (Aust.) - **$20;** E. Attard (Aust.) - **$10.**

*jaqbad minn paġna 3*

**taż-żagħżugħ martri Ġorġ għandu jiġi marbut mall-bidu tas-snin tmenin tat-tielet seklu wara Kristu.**
Dan li għadna kif rajna jurina li ma nkunux 'il bogħod mis-sewwa jekk ngħidu illu ninsabu fiż-żmien marbut mas-17 il-ċentinarju mill-ewwel twelid ta' dak iż-żagħżugħ illi f'ħajtu "tħeġġeġ bin-nar ta' l-Ispirtu s-Santu u b'mod ta' l-għaġeb twettaq bis-sinjal tas-salib",[5] liema sinjal wildu għall-ġenna: **twelid li ż-żagħżugħ Ġorġ għadda minnu b'mod l-akta erojku tant illi ġibed lejh l-ammirazzjoni, l-immaġinazzjoni u d-devozzjoni ta' kotriet kbar ta' insara mxerrdin mad-dinja tul iż-żmenijiet kollha sa mit-twelid tiegħu għas-sema.**

# LAQGĦA DJOĊESANA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Mijiet ta' żgħażagħ minn Għawdex kollu attendew għal Laqgħa li saritilhom fil-Bażilika tagħna nhar il-ġimgħa 18 ta' Novembru 1983, organizzata mill-Group Djoċesan għall-Attivitajiet taż-Żgħażagħ. Il-Laqgħa, li kellha bħala tema ewlenija "Ġesù Hu s-Sultan tal-Paċi", saret b'konnessjoni mall-festa ta' Ġesù Sultan tal-Ħolqien Kollu, u tmexxiet minn Patri Pawl Chetcuti S.J.

Ġie mistieden ukoll l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi li fetaħ il-laqgħa bili kellem liż-żgħażagħ miġbura. Huwa qalilhom li biex timxi wara Kristu trid tkun tafu lil Kristu. "Dawn il-laqgħat igħinukom biex tkomplu tagħrfu lil Kristu u timxu warajh." Huwa radd ħajr lill-organizzaturi tal-laqgħa.

Tfajla u ġuvni mbagħad qraw żewġ siltiet mill-Vanġelu: id-djalogu ta' Ġesù ma' Pilatu u x-xbieha ta' Ġesù bħala r-Ragħaj it-Tajjeb.

Fit-taħdita tiegħu Fr. Chetcuti tkellem dwar kif Ġesù jagħtina s-sliem tiegħu mhux kif tagħtihulna d-dinja. "Fid-dinja sirna ma jimpurtaniex jekk dak hux miżżewweġ, jekk dik hix miżżewġa. Ma jimpurtanix jekk inhix se naqla' l-inkwiet lil dik il-familja, lil dik il-persuna. Basta noqgħod tajjeb jien". Din mhix il-paċi ta' Kristu. Huwa jagħtina s-sliem tiegħu billi jeqred minn ġo fina l-għira, il-pika u d-diżordni. "Jekk hawn xi ħadd li għandu l-mibgħeda f'qalbu lejn xi ħadd, jiddeċiedi li joħroġ minn hawn il-lejla b'qalbu mnaddfa u mimlija mħabba," qal Fr. Chetcuti liż-żgħażagħ. "Gesù huwa s-sultan li jixhed għas-sewwa u kull min jimxi warajh isalva."

Persuna miżżewġa tat l-esperjenza tagħha ta' xhieda nisranija f'waqtiet diffiċli f'ħajitha.

Fr. Chetcuti mbagħad mexxa sessjoni ta' talb spontanju quddiem Ġesù ewkaristija waqt li fil-Knisja nħolqot atmosfera differenti permezz tad-dwal. Fil-Laqgħa ħa sehem il-kor "Fraternitos" tal-Moviment Pro Sanctitati.

ASTRA TOURS

**3 Giti għas-Sajf 1984**

Tour 1: **Italja - Franza (Lourdes) - Spanja**
*mid-19 ta' Lulju sat-3 ta' Awissu*

Tour 2: **Italja**
*mill-4 sal-11 ta' Awissu*

Tour 3: **Ingilterra - Skozja**
mit - 18 – 29 t'Awissu

★ ★ ★ ★ ★ ★ ★

## NOTI

[1] D. BALBONI, *Giorgio, santo martire,* in **Biblioteca Sanctorum,** VI, col. 112-321; ID., **San Giorgio Martire,** , Roma 1966, pp. 10-20;
S. BORRELLI **Il Megalomartire San Giorgio,** Napoli 1902, pp. 315 - 490. L-għadd ta' pubblikazzjonijiet dwar San Ġorġ mad-dinja kollha hu tassew impressjonanti: cf G. MORELLO, **Contributo per una bibliografia su san Giorgio,** Roma 1978, **passim.**

[2] J. LORTZ, **Storia della Chiesa,** I, Alba 1976, pp.99-100.

[3] Cf S. BORRELLI, **op.cit.,** p.65s.

[4] D. BALBONI, *Tradizione e storicità di San Giorgio,* in **L'Osservatore Romano,** 23 aprile 1983, p.5.

[5] *Beatus vero Georgius, Sancti Spiritus igne succensus et vexillo crucis inexpugnabiliter praemunitus,* . . . S.P. DAMIANI, **Sermo 3,** *De sancto Georgio,* PL 144, 567-571.

# META F'ĦAJTI HEMM L-IMĦABBA

Fr. Charles Caruana S.J.

Għad għandi ittra li dehret snin ilu f'gazzetta Amerikana għax tassew laqtitni. Kienet tgħid hekk: "Dal-aħħar kelli ħabib li qatel ruħu b'idejh; ieħor ipprova tliet darbiet f'14-il xahar. Jien ukoll ridt ineħħi ħajti. Għaliex? Kellna kollox: futur sabiħ, flus, imma kien jonqos ħaġa waħda: l-imħabba. Li kieku ta' madwari wrewni li jħobbuni qatt ma kont ser infittex noqtol lili nnifsi. Kemm nistgħu nuru aktar imħabba lil ta' madwarna: daqsxejn ta' tbissima ma' min tiltaqa', taptipa ħafifa t'inkuraġġiment, tismagħhom, turihom li taf li jeżistu! Kultant li tisma' hu biżżejjed. Tista' ssalva ħajja bla ma taf jekk tkun lest turi li l-oħrajn għandhom valur, u li int tħobb u din turiha f'imġibtek."

Fid-dinja tallum, bil-progress kollu tagħha u bil-problemi kollha li għandna, jidher li għad ma tgħallimniex il-lezzjoni ta' Kristu "Ħobb lil għajrek bħalek nnifsek." U hemm ħafna modi, sempliċi u ordinarji, kif nista' nuri mħabbti lil għajri:

**1. *Uri Interess fl-Oħrajn:*** fi studju li sar xi snin ilu f'università fuq 20 żagħżugħ li kienu delinkwenti imma li meta kibru biddlu ħajjithom, sabu li lkoll kienu ġew salvati minn mara waħda, l-għalliema twajba tagħhom: "Dawk it-tfal," qalet, "Lkoll niftakarhom sew. Ħabbejthom, kull wieħed minnhom". Kienet l-influwenza tajba tagħha li żammithom 'il bogħod minn ħajja ta' serq u delitti.

Jekk hemm bżonn ta' xi ħaġa aktar minn kollox, fid-dinja tallum, hi l-imħabba, u aktar nies, individwi, li lesti jagħtuha.

**2. *Uri mħabbtek fil-prattika:*** Vera li Alla jħobb lill-bnedmin kollha, imma għandu mħabba speċjali għall-fqar, għall-batuti, għal dawk bla xogħol, għall-morda. Imma Hu jrid jinqeda bina biex din l-imħabba tiegħu tasal sa għandhom. Din hi l-isfida għalina. Darba waħda mara li kienet żżur il-morda fi sptar ġo New York, xogħol li għamlitu għal 40 sena sħaħ, qalet: "Tista' tgħid il-pażjenti kollha fi sptar iħossuhom waħedhom u mbeżżgħin; imma kemm iħossuhom aħjar meta jafu li xi ħadd lest li jagħti każhom, u juri interess fihom!"

Mhux biżżejjed ngħid lil dak li għandu bżonni: Alla jgħinnek, u jien naħsel idejja. L-imħabba ma turix ruħha bil-kliem, imma bil-fatti.

**3. *Il-bniedem jiġu l-ewwel:*** hawn min għalih l-ewwel u qabel kollox tiġi xi ideja, xi idejal, l-istituzzjoni, jew l-organizzazzjoni.

Niftakar fil-kliem li qal wieħed: "Għalija l-idejal hu li nuża t-talenti tiegħi biex naqdi lill-oħrajn. Jien nemmen fil-bnedmin u dejjem aktar jinterresawni l-bnedmin milli l-idejat jew ħwejjeg materjali. Jien nemmen li l-bniedem huwa essenzjalment tajjeb, u li jrid min iħobbu, jirrispetah u jifftakkru. Lkoll għandna naħdmu biex inwettqu dal-idejal."

Imħabba għall-oħrajn ma tiġix faċli: mhux meta jfettili. Trid tkun sinċiera u dejjiema. Meta tkun hekk il-Mulej jista' jagħmel ħwejjeġ kbar permezz tiegħi, u għalija ukoll.

**4. *Hu lill-oħrajn kif inhuma:*** li wieħed jieħu u jaċċetta lill-oħrajn hu aktar diffiċli milli naħsbu; mhix vera mħabba li ngħid li nħobb biss meta wieħed ibiddel xi difett.

Benjamin Franklin kiteb: "L-aħjar ħaġa li tagħti lill-għadu tiegħek hi l-maħfra; lil min hu kontrik, toleranza; lill-ħabib, widintek; lil ibnek, eżempju tajjeb; lil missierek, rispett; lil ommok, imġiba li tagħmilha kburija bik; lilek nnifsek, u lil kulħadd, imħabba."

Li kieku kellna nimxu fuq dal-parir x'bidla jkun hawn fis-soċjetà!

Bħala pjan ibda minn hawn:

- Ara fil-belt jew raħal fejn tgħix, min tħoss li għandu bżonn u li int stess tista' taqdih: forsi xi xiħ li jrid min jaqdih, xi marid min jinvistah, xi għama min jaqralu;
- Ara x'qed isir u x'mhux isir minn għaqdiet; agħmel int dak li mhux qed isir mill-oħrajn.
- Agħżel xogħol t'għajnuna li int tħoss li kapaċi għalih u li jogħġbok, għax għandek talent u inklinazzjoni għalih;
- Taqtgħax qalbek jekk issib indifferenza u nuqqas ta' kooperazzjoni.

Hu fil-pjan t'Alla għal kull wieħed u waħda minna li tfittxu lil xi ħadd li qed jistenna preċiżament minn għandna xi ftit paċi hena, ferħ u mħabba.

## DEHERA ĠDIDA LIR-RIVISTA

***Din hija s-sittax il-ħarġa tar-rivista IL-BELT VICTORIA u kif tistgħu tindunaw, qegħdin ma din il-ħarġa naghtu dehera ġdida lir-rivista parrokjali tagħna. Bħal tfajjel lil tfarfar ġmielu matul is-snin tal-adoloxxenza u sar joqgħodlu tajjeb il-qalziet twil għax għalaq is-sittax il-sena, hekk ukoll ir-rivista tagħna kibret fid-daqs jekk mhux fil-paġni.***

***Dan il-format ġdid tar-rivista issa jippermettilna li ninkludu iktar materjal ta' fejda għalikom, inżewqu l-paġni b' iktar ritratti u fuq kollox inkabbru t-tipa. Id-daqs il-ġdid ifisser ukoll, iktar spejjeż għad-direzzjoni, u għalhekk tajjeb li ntennu l-appell tagħna għal għajnuna finanzjarja minnkom il-qarrejja. Min xahar għal ieħor qed jaslulna xi kontribuzzjonijiet ġenerużi; lil dawk li s'issa għoġobhom jiftakru fina nirringrazzjawhom u nwegħduhom it-talb tagħna għax b'hekk qed jgħinu opra qaddisa. Lil dawk li forsi sallum għadhom ma kkontribwew qatt xejn, ġentilment inħeġġuhom joffru xi donazzjoni, żgħira kemm hi żgħira, għall-ispejjeż tar-rivista.***

---

*Għal darb'oħra fil-Bażilika ta' San Ġorġ Martri ġiet organizzata Ġimgħa Ta' Aġġornament Reliġjuż, bejn l-14 u d-19 ta' Novembru, 1983*

*Il-kelliemi ewlieni matul din il-Ġimgħa, kien l-Isqof t'Għawdex, E.T. Mons. Nikol Cauchi, li għażel bħala t-tema prinċipali għall-konferenzi tiegħu: "Il-Problemi taż-Żmenijiet Tagħna fid-Dawl tal-Fidi Nisranija".*

*Dwar dan is-suġġett hekk attwali fil-ħajja tal-lum, Mons. Isqof tkellem fuq diversi aspetti, fosthom il-persuna umana, il-familja nisranija, ir-relazzjoni ta' mħabba u prokreazzjoni bejn il-miżżewġin, u s-sehem tal-lajċi fil-knisja.*

*Bħala għeluq tal-Ġimgħa, Mons. Isqof mexxa Quddiesa Konċelebrata flimkien mal-Kapitlu Ġorġjan (ara ritratt) u li fiha ħa sehem il-Chorus Urbanus taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea.*




*Il-Papa Gwann Pawlu II jidher ibus il-"Porta Santa" tal-Bażilika ta' San Pietru fil-ftuh tas-Sena Mqaddsa.*

### *IR-REDENZJONI TIEGĦI*

Xi tfisser għalija r-Redenzjoni?
Xi Frott qed nieħu minn din ir-Redenzjoni?
Bir-Redenzjoni u mingħajra kont inkun xorta waħda?

***Ir-Redenzjoni tiegħi swiet Tbatija u Mewta ħarxa lill Kristu. Jiena kont ikkundannat għat-telfien etern minħabba d-dnub, iżda kont salvat minn Kristu. Issa jmiss lili li nipprofitta minn din ir-Redenzjoni. Bil-Magħmudija jiena ġa bdejt nieħu minn dan il-Frott tar-Redenzjoni u bis-Sagramenti l-oħra nkompli nieħu minn dfan il-Ġid kbir li kisbilna Kristu. Il-bniedem mingħajr Kristu (mingħajr ir-Redenzjoni) m'huwiex Bniedem.***

### ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| 23.10.83 | ELAINE bint Peter Paul Thewma u Dolores neè Ellis |
| 30. 10. 83 | MICHAEL iben Joseph Formosa u Maria neè Galea |
| 6. 11. 83 | CATRIONA bint Raymond Cini u Rose Anne neè Muscat. |
| 13.11.83 | KENNETH iben George Agius u Doris neè Bajada |
| 6.12.83 | GEORGE iben Lawrence Apap u M. Stella neè Attard |

### INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

| | |
|---|---|
| 29.10.83 | Anton Sacco u Georgia Said |
| 3.12.83 | Maria Regina Tabone u George Cini |
| 17.12.83 | Frances Micallef u Carmelo Grima |

### DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

| | |
|---|---|
| 15.10.83 | Carmela Xerri |
| 18.11.83 | Bernarda Cefai |
| 4.12.83 | Giorgia Attard |
| 19.12.83 | Giuseppi Cremona |

**Teatru Astra**
jippreżenta
**DEHRA MILL-PONT**
Dramm fi Tlett Atti
nhar **is-Sibt, 14 ta' Jannar 1984 fis-6 p.m.**

**homemart**
**Dealers in first class chandaliers, lights, ceramics home appliances, gifts, kitchen ware, clocks home decorations and furniture.**
33, Republic Str., Victoria, Gozo. Tel. 556666

**CROWNING GLORY SALON**
**The Exclusive Hairdressing Salon for professional cutting, styling, perming, colouring tinting, straightening and setting**
*23, Vajrinġa Street, Victoria, Gozo.* *Tel: 551848*

## *IL-QADDIS TAX-XAHAR*

# SAN FRANĠISK DE SALES (1567 - 1622)



Il-protettur tal-ġurnalisti kattoliċi twieled fil-21 ta' Awissu 1567, fil-Kastell ta' Sales, Savoia. Mingħand il-ġenituri tiegħu rċieva edukazzjoni nisranija mill-aħjar. Il-missier, imlaħhaq kif kien fil-Kunsilll tad-Duka ta' Savoia, ħaseb minn kmieni biex lil ibnu iħejjih tajjeb għall-karriera politika. Franġisk tgħallem isuq iż-żiemel u fl-istħarriġ tal-'fencing' - taħriġ bżonnjuż ferm biex 'l quddiem isir kavallier.
Irċieva l-Griżma u l-Ewwel Tqarbina fl-1577. Ta' ħdax-il sena ħa t-tonsura. Minn tfulitu wera tjieba, karattru, u kapaċità mill-aqwa għax-xogħol. Missieru, il-biċċa tat-tonsura, ma tantx xammha tfuħ. Hu ma xtaqux jaqbad it-triq tas-saċerdozju imma dik ta' avukat. Kien minħabba f'hekk li bagħtu Pariġi fil-kulleġġ tal-patrijiet Ġiżwiti fi Clermont, u wara Franġisku mar fl-Università ta' Padova. Hawnhekk hu kiseb il-lawrja kemm fid-dritt ċivili kif ukoll ekklesjastiku.
Iż-żagħżugh irritorna d-dar fejn għal xi sena u nofs serva ta' avukat, imma dejjem kellu f'moħħu li jsir qassis. Missieru tgħidx x'għamel; iżda ibnu deher deċiż għall-aħħar. B'hekk wara li sar suddjaknu, ġie ordnat saċerdot mill-Isqof De Granier fit-18 ta' Diċembru 1593. Kien iqaddes b'devozzjoni kbira, iqarar kemm jiflaħ, igħallem lill-foqra, iżur l-irziezet u jgħin b'imħabba kbira lill-ħabsin.
Ftit wara ntbagħat fil-parroċċa diffiċli ta' Thonon fejn in-nies tgħidx kemm fixkluh. Mhux l-ewwel darba li ra l-mewt ma' wiċċu. Għajruh saħħar u l-mibgħut tax-xitan. Meta ra li ma seta' jagħmel xejn ġietu idea ġenjali għall-aħħar. Beda jikteb fuljetti żgħar li kien iwaħħalhom mal-ħitan bil-lejl jew jibgħathom fid-djar.Kienu jittrattaw dwar il-verità tal-fidi kattolika. L-istil tagħhom kien ġurnalistiku għall-aħħar. Dawn il-fuljetti malajr taw il-frott mixtieq. Bosta eluf reġgħu daru lejn il-Knisja. Jingħad li n-numru tagħhom kien ta' madwar tnejn u sebgħin elf.
Fl-1602, mar Pariġi biex jiddefendi kawża reliġjuża u ftit wara fit-8 ta' Diċembru ta' l-istess sena ġie midluq Isqof f'Thonon fix-Chablais. Dam Isqof għoxrin sena u ħadem kemm felaħ biex jifforma kleru qaddis u kolt.
Fl-1622, hu mar Avignon biex ikun preżenti għad-daħla trijunfali tar-Re Luiġi XIII, li kien għadu kemm rebaħ il-gwerra ċivili. Minn hawnhekk telaq lejn Lyons fejn tatu puplesija fis-27 ta' Diċembru 1622. Miet l-għada fit-tmienja ta' fil-għaxija. Kellu 56 sena. Alessandru VII għamlu Beatu fl-1661, u l-istess Papa għamlu qaddis 4 snin wara. Papa Piju IX iddikjarah Duttur tal-Knisja u l-Papa Piju XI ħatru Protettur tal-Ġurnalisti fl-1923.
Għad li kien ikun imħabbat ħafna, xorta żamm ma Alla rabta ntima. Darba mistoqsi jekk qattx jinsa l-preżenza t'Alla wieġeb b'umilta kbira: "Iva, xi kultant, ngħidu aħna għal xi ħmistax-il minuta."
*N.B. Il-Knisja tiċċelebra l-festa ta' dan il-Qaddis fl-24 ta' Jannar.*

# *GĦALIKOM TFAL*



*Għeżież tfal,*
*Erġajna ltqajna: Issa, bil-għajnuna t'Alla bdejna sena ġdida. Min jaf kemm għamiltu riżoluzzjonijiet fil-bidu tagħha, eh: Min qal issa nibda nagħmel hekk, min qal issa mil-lum 'il quddiem ma rridx nagħmel hekk iżjed; insomma, kulħadd bir-riżoluzzjoni tiegħu. Imma kellna bżonn nagħmlu riżoluzzjoni waħda u tajba: li r-riżoluzzjonijiet li ħadna, inżommuhom.*
*Ħalli ngħidilkom ħrafa żgħira, iżda minnha rridu nitgħallmu xi ħaġa. Din m'għandha x'taqsam xejn mar-riżoluzzjonijiet ta' l-Ewwel tas-Sena, imma tajjeb li ngħidhielkom.*
*Darba f'għadira ċkejkna mimlija ħut, ħuta żgħira xtaqet tkun taf xi tfisser il-kelma "ilma", għax, miskina ma kenitx taf. Staqsiet lil ħafna ħut sħabha, iżda ħadd minnhom m'għaraf jgħidilha x'inhu "ilma". Fl-aħħar, meta l-ħuta rat li kienet ser tibqa' mingħajr tweġiba, ħasbet li titlaq minn dik l-għadira u tmur tgħix fil-baħar, bil-ħsieb li hemmhekk issib lil xi ħuta brava li tgħidilha x'inhu "ilma". Meta sabet ruħha fil-baħar bdiet dlonk tistaqsi lil ħut l-oħra fuq dik il-kelma, iżda l-anqas dawn m'għarfu jaqtgħulha xewqitha. Fl-aħħar , dur minn hawn u staqsi minn hemm, iltaqgħet ma' ħuta xiħa.*
"Nanna ħuta, xi tfisser il-kelma "ilma"? staqsietha. Il-ħuta xiħa, mistagħġba għall-aħħar b'dik il-mistoqsija, daret lejn min kellimha, u b'ħarsa qalila weġbitha: "X'inhu: Kif inhi din: Ma tafx x'inhu "ilma"? Missek tistħi. Dan hu "ilma". . . dan li qiegħda tgħum fih . . .dan li hawn madwarna:"
Aħna wkoll, tfal, bħal dik il-ħuta ċkejkna, għandna ħafna affarijiet sbieħ madwarna, affarijiet li lilna jistgħu jiswewlna ta' ġid kbir, iżda, għax m'aħniex bil-għaqal biżżejjed, m'aħniex nagħmlu użu minnhom. Huma għalina, kif ingħidu bil-Malti, gallettini f'ħalq il-ħmir. Għandna, per eżempju, l-iskola, it-tagħlim, u aħna ma rridux nafu bihom, ma rridux nistudjaw u nitgħallmu għall-ġejjieni tagħna. Għandna l-Knisja u s-Saċerdoti li jgħallmuna l-ħwejjeġ sbieħ ta' Alla, u aħna forsi l-anqas nagħtu każ tagħhom, u l-ħwejjeġ spiritwali, li għandhom x'jaqsmu ma' ruħna, nagħtuhom l-ġenb.
Tfal, nitgħallmu nagħmlu iżjed użu tajjeb mill-ġid li Alla l-Imbierek għoġbu jagħtina għall-qadi tagħna tar-ruħ u l-ġisem.

**Tatà.**
**Iz-Ziju Peppi**


**J. DESIRA FURNITURE**
**City Gate - Valletta** Tel: 20232
**Bajada Street - Zabbar**
**Astra Complex - Victoria**

# Kunċert Mużikali minn La Stella



Il-Kunċert Mużikali li l-Banda Ċittadina La Stella esegwiet fid-19 ta' Novembru 1983 kien bla dubju wieħed straordinarju għal din il-Banda ewlenija ta' għżiritna. Dan peress li l-Kunċert inżamm f'isem l-Għaqda tal-Każini tal-Baned bħala parti mill-festi li ġew iċċelebrati f'ġieħ Santa Ċeċilja, Patruna ta-Żużika..

Il-Banda onorat l-okkażjoni distinta li għaliha ġiet mistiedna tippartecipa bi programm strumentali ta' livell ferm għoli, programm li ġie apprezzat mhux ftit mid-dilettanti tal-mużika klassika u l-partitarji tas-Soċjetà.

Il-President tal-Għaqda Każini tal-Baned il-Kav. M.A. Delia, f'indirizz qasir li għamel fil-ftuħ tal-programm, bħal donnu kien qed jobsor x'setgħet tagħti l-Banda La Stella meta irrimarka: "Aħna ċerti li l-Banda Ċittadina La Stella t'Għawdex ser tpaxxina bl-esekuzzjoni tagħha f'din l-okkażjoni tal-lum" għax tabilħaqq il-Banda tat sodisfazzjon u gost kbir lil kull min jaf japprezza l-mużika.

Mertu kbir għal dan is-suċċess għandu bla dubju s-Surmast Direttur Joseph Vella, li ikkonferma għal darb'oħra l-kapaċità straordinarja tiegħu fid-direzzjoni, u miegħu s'intendi l-Assistent Surmast, John Galea, kif ukoll il-bandisti kollha mill-iktar wieħed anzjan sal-iżgħar wieħed.

Il-programm kien jinkludi xogħolijiet ta' Verdi, Gounod, Healey, Gomez u Vella. Preżenti għal dan il-Kunċert, li sar fit-Teatru Astra kien hemm il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Kultura, l-Onor. Alex Sceberras Trigona, deputati parlamentari Għawdxin, delegazzjni tal-Kunsill tal-Każini tal-Baned, rappreżentanti tal-Każini f'Għawdex, soċi u ammiraturi tal-Banda flimkien mal-pubbliku ġenerali.

Il-Kunċert reġa' nżamm l-għada l-Ħadd, 20 ta' Novembru f'Misraħ it-Tokk (ara ritratt).



# Rokna tal-LADIES SOCIETY:

Il-Ladies Society tal-Parroċċa tagħna ssoktat bid-diversi attivitajiet li kienet ħejjiet għall-aħħar xahrejn tas-sena. Dawn l-attivitajiet kienu prinċipalment tlieta:

**1. Il-Kors tal-Ħelu** li nbeda f'Novembru u ġie fit-tmiem tiegħu bl-għaxar lezzjoni li Wenzu Borg ta fis-6 ta' Diċembru. F'din l-aħħar lezzjoni l-parteċipanti għall-kors iċċelebraw b'Cake u Punch waqt li Mons. Arċipriet, f'ismu u f'isem l-L.S., irringrazzja lil W. Borg għall-ħidma tiegħu favur il-Parroċċa tagħna.

**2. Il-Bazaar tal-Milied** li sar bejn il-15 u s-17 ta' Diċembru. F'dan il-bazaar ħadmu bis-sħiħ il-membri kollha tal-Kumtat tal-L.S. li kellhom koperazzjoni kbira minn diversi membri tal-Komunità Parrokkjali ta' San Ġorġ. Lil dawn kollha jixraq u jmur il-ħajr tal-Parroċċa.

**3. Ir-Riċeviment tal-Milied** li bħas-soltu sar fil-25 ta' Diċembru dritt wara l-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' fil-għaxija. Għall-ewwel darba l-organizzazjoni ta' dan ir-riċeviment ġiet fdata mill-Arċipriet lil Ladies Society. Għal dan ir-riċeviment attendew Mons. Isqof, il-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika, il-Kunsill Parrokkjali u għadd kbir ta' membri attivi fil-Parroċċa.

Issa li dħalna f'sena ġdida l-Ladies Society qed tħejji għadd ta' attivitajiet oħra bi tkomplija ta' l-għanijiet tagħha fis-sena 1984. Lil Ladies Society, minn dawn il-kolonni, nixtiequlha s-suċċessi li s'issa kkwalifikaw l-attivitajiet tagħha fl-imgħoddi.

A & M Printing Ltd. Qala - Gozo. Tel:553217